IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2016
COM(2016) 266 final

2016/0143 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi adottata fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni Komprensivi bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni Komprensivi bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, ("il-Ftehim") ġie ffirmat fid-9 ta' Novembru 2009 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2014.

Il-Ftehim jipprovdi qafas legali li jkopri kwistjonijiet li jvarjaw mid-djalogu politiku regolari għall-kooperazzjoni settorjali. Huwa jenfasizza d-determinazzjoni tal-UE li timpenja ruħha mal-Indoneżja u li tieħu r-relazzjonijiet bilaterali għal livell ogħla.

Il-Ftehim isaħħaħ il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kummerċ, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni, l-agrikoltura, l-għajnuna għall-iżvilupp, il-kultura, eċċ.

Skont l-Artikolu 41 tal-Ftehim, ġie stabbilit Kumitat Konġunt, magħmul minn rappreżentanti taż-żewġ naħat fl-ogħla livell possibbli. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżgura l-funzjonament u l-implimentazzjoni korretti tal-Ftehim, jistabbilixxi prijoritajiet fir-rigward tal-għanijiet tal-Ftehim u jsolvi d-differenzi li jinqalgħu fl-applikazzjoni jew fl-interpretazzjoni tiegħu.

Sabiex jassisti lill-Kumitat Konġunt u jiġu ffaċilitati d-diskussjonijiet fuq livell ta' esperti- dwar uħud mill-oqsma ewlenin li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim, huwa ssuġġerit li jitwaqqfu gruppi ta' ħidma speċjalizzati, dwar:

(1) il-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

(2) il-kummerċ u l-investiment;

(3) id-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem;

(4) id-djalogu politiku; kif ukoll

(5) id-djalogu dwar is-sigurtà.

Barra minn hekk, l-UE se tipproponi l-isabbiliment tas-sitt grupp ta' ħidma speċjalizzat dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 14(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat.

L-għan ta' din il-proposta huwa li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt dwar:

(i) li tadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt; kif ukoll

(ii) li tistabbilixxi l-gruppi ta' ħidma speċjalizzati.

Il-pożizzjoni tal-UE se tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjonijiet mehmuż tal-Kumitat Konġunt.

2016/0143 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi adottata fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni Komprensivi bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207, 209 u 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni Komprensivi bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2014.

(2) Skont l-Artikolu 41 tal-Ftehim, ġie stabbilit Kumitat Konġunt, sabiex jiżgura, fost l-oħrajn, il-funzjonament u l-implimentazzjoni korretti tal-Ftehim.

(3) Sabiex isir kontribut għall-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu adottati.

(4) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, f'dak li għandu x'jaqsam mal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjonijiet mehmuż tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 41 tal-Ftehim, dwar:

   - li tadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt; kif ukoll
   - li tistabbilixxi gruppi ta' ħidma speċjalizzati,

   tissejjes fuq l-abbożż ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt, mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu dwar bidliet żgħar fl-abbozz ta' Deċiżjonijiet mingħajr ma jirreferu lura għall-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President